MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 934/2009

**Manwel Tabone ID 405369M u Josephine Tabone ID 505163M**

**vs**

**Carmel Bonnici ID 531651M u Carmen Bonnici**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ l-atturi qed jitolbu minghand il-konvenuti l-hlas ta' seba' mija, tmienja u sebghin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€778.51c), bilanc ta' kont mahrug mill-korporazzjoni Enemalta dwar konsum ta' elettriku u ilma mill-fond Lourdes, Triq Fonsu Maria Galea, Birkirkara, mikri mill-atturi, lill-konvenuti. Dal-kont ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2008 u l-31 ta' Awwissu 2009.
Bl-ispejjes u mghax mid-data tal-prezentata tal-AVVIZ.

**Ra** li fir-RISPOSTA il-konvenuti qed jghidu li dak mitlub mill-atturi hu nfondat ghax l-ammont mitlub mhux dovut kollu.

**Ra** KONTRO-TALBA tal-konvenuti konsistenti minn talba ghall-hlas ta' mija u wiehed Ewro (€101) rapprezentanti hlas ta' perjodu ta' kirja li ma kienetx dovuta.

**Ra** r-RISPOSTA ghall-KONTRO-TALBA li tghid li dak mitlub f'din hu nfondat.

II PROVI

1. L-attur Manuel Tabone qal li hu kera lill-konvenuti l-fond imsemmi fl-AVVIZ permezz ta' agenzija. Kirja ghal sena mill-1 ta' Settembru 2008 sal-31 ta' Awissu 2009. Dwar kera qatt ma kellu problema. Dwar dawl u ilma il-ftehim kien li meta l-konvenuti jircievu l-kont, jghaddulu l-flus biex hu jhallas lill-Enemalta.

2. Kien hemm zmien meta l-kontijiet ma nhargux. Meta wasal il-kont qal lill-konvenuti biex jistennew ghax hu kien ser isiefer u fil-frattemp huma marru jiccekjaw il-kont ghax kien kbir. Kien hemm dizgwid ghax fuq il-post hemm jidhru zewg residenti mentri huma tlieta u dan kien jaffettwa s-sussidju. L-inkwilini ppretendew li s-sid kellu jkun hu li jgharraf b'dan lill-Enemalta. Fil-fatt il-konvenuti baqghu ma hallsu xejn u hallas hu (l-attur) ghax meta hargu l-konvenuti, fil-fond dahlu ohrajn. Il-konvenuti qatt ma kienu gibdulu l-attenzjoni dwar dan meta hallsu kontijiet qabel. Dan jirrizulta mid-Dok A esebit mix-xhud (*a fol 25*).

3. Ix-xhud esebixxa bhala Dok B (*a fol 26*) il-kont tal-Enemalta fl-ammont mitlub fl-AVVIZ u li thallas mill-attur. L-attitudni tal-konvenuti kienet li "kienu preparati li jhallsuni li kieku l-kont kien fuq tliet persuni".

4. Dwar il-kontro-talba, ix-xhud qal li l-konvenuti baqghu sal-ahhar tal-kirja u hekk hallsu.

5. Carmel Bonnici, konvenut qal li meta krew, kienu talbu lill-attur biex idawwar il-kont tad-dawl fuqhom u

b’ebda mod ma ried. Hu kien jaf li l-konvenuti kienu familja ta’ tlieta. Meta rcieva l-ewwel kont ra “li kien hemm zero residenti”. Gibed l-attenzjoni tal-attur dwar dan u qal li kien ser jiehu hsieb hu.

6. Il-kontestazzjoni tieghu hi li jhallas dak li hu dovut kieku kien hemm is-sussidju fuq tlieta. Il-kontijiet kien ihallihom f’idejn il-mara. Jifhem li mill-*website* ta’ ARMS Ltd. wiehed jista’ jikkalkula d-differenza fil-hlas.

7. Dwar il-kontro-talba, hu qal li kien ihallas bil-quddiem, telaq qabel, u ghalhekk jippretendi rifuzjoni. Ghamlu xahrejn minghajr bibien id-dar. Ghamel sopraporti hu u anke halla warajh kamra tas-sodda.

8. <u>Carmen Bonnici</u>, konvenuta, ikkonfermat ix-xhieda ta’ zewgha. Minkejja li kienu gibdu l-attenzjoni tas-sid dwar “zero residence”, il-kont baqa’ hiereg hekk u fir-rigward esebiet id-Dok CB2, 3, u 4. Il-fond anke kien bidillu ismu minn Lourdes ghal Ave Maria. Id-Dok CB 5 nizzlitu mill-*website* u juri illi kieku l-kont kien fuq tliet persuni kien ikun €591.14. Huma lesti li jhallsu €591.49 li minnhom riedu jnaqsu €293 li hallsu skond ma jirrizulta mir-ricevuti esebiti. Dan ihalli ammont dovut ta’ €298.49.

9. Dwar kirja, qalet li huma kienu hallsu sas-26 t’Awwissu 2009 mentri hargu f’Lulju 2009.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL jibda biex josserva li ghandu quddiemu zewg *issues* separati:
(i) l-atturi jridu rimbors ta’ dak li hallsu dwar dawl u ilma fil-fond mikri lill-konvenuti u fir-rigward il-konvenuti qed jghidu, specifikat, li l-ammont mitlub <u>mhux dovut kollu.</u> Mela hemm <u>ammissjoni</u> li xi ammont hu dovut.
(ii) il-konvenuti qeghdin, bhala rikonvenjenti, jitolbu rimbors ta’ kera mhallas zejjed.

2. Dwar it-TALBA fl-AVVIZ, il-konvenuti jghidu li huma riedu li l-attur ipoggi isem il-konvenuti inkwilini bhala kunsumaturi vis-à-vis Enemalta. It-TRIBUNAL ihoss li dan ma kienx ragjonevoli meta huma kienu qed jokkupaw fond

ghall-ftit zmien u meta jitqies li, milli jidher fil-fond kien ser ikun hemm inkwilini/konsumaturi successivi. Izda mbaghad ghandhom ragun meta jsostnu li, darba li l-attur ghazel li jibqa' jidher hu vis-à-vis l-Enemalta, kellu jiehu hsieb li jara li dawn igawdu minn sussidju u ma jhallsu xejn zejjed. Jew ahjar igawdu mis-sussidju. L-attur ma setax ma kienx jaf li l-kont tad-dawl u ilma hu influwenzat mill-ghadd ta' konsumaturi u t-TRIBUNAL hu konvint li l-attur kien jaf li l-konvenuti kienu familja ta' tlieta. Zgur li kien jaf li ma kienx il-kaz ta' *zero residents*!

3. It-TRIBUNAL isib li l-konvenuta Carmen Bonnici hi preciza fl-affidavit taghha u jaccetta li dwar dawl u ilma, il-konvenuti fadlilhom jirrimbersaw lill-atturi il-*quantum* ta' €591.49 imnaqqsa b'€293, mela €298.49 biss.

4. Dwar il-kontro-talba, din mhiex gustifikata. Il-kirja kienet fuq bazi ta' sena b'rati jithallsu mensilment kif jirrizulta mid-Dok CB7 (*a fol 56*) u l-fatt li l-konvenuti hargu minn jheddhom ftit qabel ma jbiddilx dan.

IV <u>DECIZJONI</u>

It-TRIBUNAL <u>jiddeciedi</u> billi, (1) **<u>Jaccetta</u>** t-talba attrici fil-*quantum* biss ta' €298.49 u jichadha dwar il-bqija u allura jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' €298.49, hlas li ghandu jsir sa ghoxrin jum mil-lum, u jichadha dwar il-bqija b'dana li fuq dan l-ammont imsemmi jithallas l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv jekk il-hlas ma jsirx fi zmien it-terminu msemmi (2) **<u>Jichad</u>** l-eccezzjoni fir-RISPOSTA in kwantu hi inkompatibbli ma' dak accettat u deciz dwar it-TALBA (3) dwar **<u>spejjes</u>** tal-AVVIZ hu <u>deciz</u> li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontentendi (4) Dwar il-KONTRO-TALBA it-TRIBUNAL jiddeciedi li din tigi <u>michuda</u> u per konsegwenza (5) <u>Jilqa'</u> l-eccezzjoni tal-atturi ghall-kontro-talba u dana bl-ispejjes taghha jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------